

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni 2/2020 dwar l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-*data* tal-Belġju għal korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta skont l-Artikolu 41 tal-GDPR

Adottata fit-28 ta' Jannar 2020

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Werrej

1	Sommarju tal-fatti	4
2	VALUTAZZJONI	4
2.1	Ir-raġunament ġenerali tal-Bord rigward l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni ppreżentat	4
2.2	Analiżi tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-BE għall-korpi ta' monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta.....	5
2.2.1	RIMARKI ĠENERALI	5
2.2.2	INDIPENDENZA.....	6
2.2.3	KUNFLITT TA' INTERESS.....	8
2.2.4	GĦARFIEN ESPERT.....	8
2.2.5	PROĊEDURI U STRUTTURI STABBILITI	9
2.2.6	IMMANIĠĠJAR TRASPARENTI TAL-ILMENTI	9
2.2.7	KOMUNIKAZZJONI MAL-SA BE	10
2.2.8	MEKKANIŻMI TA' RIEŻAMI TAL-KODIĊI.....	10
2.2.9	STATUS ĠURIDIKU	10
3	KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET	11
4	RIMARKI FINALI	12

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(1)(c), (3)-(8) u l-Artikolu 41(3) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u, b'mod partikolari, l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,¹

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem “il-Bord”) huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR meta awtorità superviżorja (minn hawn 'il quddiem “SA”) ikollha l-ħsieb li tapprova r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni ta' korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta (minn hawn 'il quddiem “kodiċi”) skont l-Artikolu 41. Għalhekk, l-għan ta' din l-opinjoni huwa li tikkontribwixxi għal approċċ armonizzat fir-rigward tar-rekwiżiti ssuġġeriti li għandha tapplika awtorità għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-*data* u li japplikaw matul l-akkreditazzjoni ta' korp għall-monitoraġġ tal-kodiċi mill-awtorità superviżorja kompetenti. Minkejja li l-GDPR ma jimponix direttament sett wieħed ta' rekwiżiti għall-akkreditazzjoni, huwa jippromwovi l-konsistenza. Il-Bord ifittex li jilħaq dan l-għan fl-opinjoni tiegħu billi: l-ewwel nett, jitlob lill-SAs kompetenti jabbozzaw ir-rekwiżiti tagħhom għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ abbażi tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR u tal-“Linji Gwida 1/2019 tal-Bord dwar Il-Kodiċi ta' Kondotta u l-Korpi ta' Monitoraġġ skont ir-Regolament 2016/679” (minn hawn 'il quddiem “il-Linji Gwida”), bl-użu tat-tmien rekwiżiti kif deskritti fit-taqsimha dwar l-akkreditazzjoni tal-linji gwida (it-taqsimha 12); it-tieni nett, jitlobhom jipprovdwu gwida bil-miktub li tispjega r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni; u, fl-aħħar nett, jitlobhom jadottaw dawn ir-rekwiżiti f'konformità ma' din l-opinjoni, sabiex b'hekk jinkiseb approċċ armonizzat.

(2) B'referenza għall-Artikolu 41 tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom jadottaw rekwiżiti għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ ta' kodiċijiet approvati. Madankollu, huma għandhom japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza sabiex jippermettu l-istabbiliment ta' rekwiżiti xierqa li jiżguraw li l-korpi ta' monitoraġġ iwettqu l-monitoraġġ tal-konformità mal-kodiċijiet b'mod kompetenti, konsistenti u indipendenti, u b'hekk jiffaċilitaw l-implimentazzjoni xierqa tal-kodiċijiet madwar l-Unjoni u, b'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa tal-GDPR.

(3) Sabiex kodiċi li jkopri l-awtoritajiet u l-korpi mhux pubbliċi jiġi approvat, korp (jew korpi) ta' monitoraġġ irid(u) jiġi/u identifikat(i) bħala parti mill-kodiċi u jiġi/u akkreditat(i) mill-SA kompetenti bħala li kapaċi jissorvelja(w) il-kodiċi b'mod effettiv. Il-GDPR ma jiddefinixxix it-terminu “akkreditazzjoni”. Madankollu, l-Artikolu 41(2) tal-GDPR jiddeskrivi r-rekwiżiti ġenerali għall-akkreditazzjoni tal-korp ta' monitoraġġ. Hemm għadd ta' rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati sabiex l-awtorità superviżorja kompetenti tkun sodisfatta biex takkredita korp ta' monitoraġġ. Is-sidien tal-

¹ Ir-referenzi għall-“Unjoni” li saru f'din l-opinjoni kollha għandhom jinftiehem bħala referenzi għaż-“ŻEE”.

kodiċi huma mitluba jispjegaw u juru kif il-korp ta' monitoraġġ propost minnhom jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 41(2) biex jikseb akkreditazzjoni.

(4) Filwaqt li r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, l-iżvilupp tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni previsti fil-Linji Gwida għandu jqis is-settur jew il-karatteristiċi speċifiċi tal-kodiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom diskrezzjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull kodiċi, u għandhom iqisu l-leġislazzjoni rilevanti tagħhom. Għalhekk, l-għan tal-opinjoni tal-Bord huwa li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ u, konsegwentement, ir-reputazzjoni tal-kodiċijiet ta' kondotta tal-GDPR u tal-korpi ta' monitoraġġ tagħhom.

(5) F'dan ir-rigward, il-Linji Gwida adottati mill-Bord se jservu bħala punt ta' gwida fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' konsistenza. B'mod partikolari, fil-Linji Gwida, il-Bord iċċara li minkejja li l-akkreditazzjoni ta' korp ta' monitoraġġ tapplika biss għal kodiċi speċifiku, korp ta' monitoraġġ jista' jiġi akkreditat għal aktar minn kodiċi wieħed, sakemm jissodisfa r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni għal kull kodiċi.

(6) L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplet. B'deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estż b'sitt ġimgħat oħrajn, filwaqt li titqies il-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-Awtorità Superviżorja Belġjana (minn hawn 'il quddiem "SA BE") ppreżentat l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha li jkun fih ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta lill-Bord, fejn talbitu jagħti l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 64(1)(c), għal approċċ konsistenti fil-livell tal-Unjoni. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittieħdet fil-25 ta' Ottubru 2019.
2. F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord,² minħabba l-kumplessità tal-materja inkwistjoni, il-President iddeċieda li jestendi l-perjodu ta' adozzjoni inizjali ta' tmien ġimgħat b'sitt ġimgħat oħrajn.

2 VALUTAZZJONI

2.1 Ir-raġunament ġenerali tal-Bord rigward l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni ppreżentat

3. Ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni kollha ppreżentati lill-Bord għal opinjoni jridu jindirizzaw bis-sħiħ il-kriterji tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR u għandhom ikunu konformi mat-tmien oqsma deskritti mill-Bord fit-taqsimha tal-akkreditazzjoni tal-Linji Gwida (it-taqsimha 12, il-paġni 21-25). L-opinjoni tal-Bord

għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza u l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR fir-rigward tal-abbozz ippreżentat.

4. Dan ifisser li, meta jkunu qed jiġu abbozzati r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni ta' korp għall-monitoraġġ tal-kodiċijiet skont l-Artikoli 41(3) u 57(1)(p) tal-GDPR, l-SAs kollha għandhom ikopru dawn ir-rekwiżiti bażiċi ewlenin previsti fil-Linji Gwida, u l-Bord jista' jirrakkomanda li l-SAs jemendaw l-abbozzi tagħhom kif xieraq biex jiżguraw il-konsistenza.
5. Il-kodiċijiet kollha li jkopru l-awtoritajiet u l-korpi mhux pubbliċi huma meħtieġa li jkollhom korpi ta' monitoraġġ akkreditati. Il-GDPR jitlob espressament lill-SAs, lill-Bord u lill-Kummissjoni biex "jinkoraġġixxu t-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta maħsuba biex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa tal-GDPR, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi setturi tal-ipproċessar u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju." (l-Artikolu 40(1) tal-GDPR). Għalhekk, il-Bord jirrikonoxxi li jeħtieġ li r-rekwiżiti jaħdmu għal tipi differenti ta' kodiċijiet, japplikaw għal setturi ta' daqs differenti, jindirizzaw l-interessi varji inkwistjoni u jkopru l-attivitajiet ta' pproċessar b'livelli differenti ta' riskju.
6. F'xi oqsma, il-Bord se jappoġġja l-iżvilupp ta' rekwiżiti armonizzati billi jħeġġeġ lill-SA tikkunsidra l-eżempji pprovduti għal finijiet ta' kjarifika.
7. Meta din l-opinjoni tibqa' siekta dwar rekwiżit speċifiku, dan ikun ifisser li l-Bord ma jkunx qed jitlob lill-SA BE biex tiegħu azzjoni ulterjuri.
8. Din l-opinjoni ma tirriflettix fuq il-punti mressqa mill-SA BE, li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR, bħal referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, il-Bord jinnota li l-leġiżlazzjoni nazzjonali jenħtieġ li tkun konformi mal-GDPR, fejn meħtieġ.

2.2 Analiżi tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-BE għall-korpi ta' monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta

9. Filwaqt li jqis li:
 - a. L-Artikolu 41(2) tal-GDPR jipprovdi lista ta' oqsma ta' akkreditazzjoni li jeħtieġ li jindirizza korp ta' monitoraġġ sabiex jiġi akkreditat;
 - b. L-Artikolu 41(4) tal-GDPR jesiġi li l-kodiċijiet kollha (minbarra dawk li jkopru l-awtoritajiet pubbliċi skont l-Artikolu 41(6)) ikollhom korp ta' monitoraġġ akkreditat; u
 - c. L-Artikolu 57(1)(p) u (q) tal-GDPR jistabbilixxi li awtorità superviżorja kompetenti trid tabbozza u tippubblika r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għall-korpi ta' monitoraġġ u twettaq l-akkreditazzjoni ta' korp għall-monitoraġġ tal-kodiċijiet ta' kondotta.

il-Bord huwa tal-opinjoni li:

2.2.1 RIMARKI ĠENERALI

10. Il-Bord jinnota li l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni ma jsegwix l-istruttura stabbilita fit-taqsimha 12 tal-Linji Gwida. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni u jiġu standardizzati r-rekwiżiti, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE ssegwi l-istruttura tal-Linji Gwida fl-abbozz tad-deċiżjoni.

11. Il-Bord jinnota li l-paragrafu 3 tal-introduzzjoni jiddikjara li l-korp ta' monitoraġġ għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni stabbiliti fid-deċiżjoni tal-SA BE, minbarra r-rekwiżiti tal-GDPR u t-taqsima 12 tal-Linji Gwida. Filwaqt li r-referenza għal-Linji Gwida hija milqugħa b'sodisfazzjon, il-Bord jinnota li r-rekwiżiti tal-SA BE mhumiex żieda ma' dawk stabbiliti fil-GDPR, iżda pjuttost żvilupp tagħhom. Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex temenda l-kliem, sabiex tagħmilha ċara li r-rekwiżiti fid-deċiżjoni mhumiex addizzjonali għal dawk fil-GDPR, iżda bbażati fuqhom.
12. Il-Bord josserva li l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jirreferi diversi drabi għan-“numru ta' membri tal-kodiċi”. F'dan ir-rigward, it-tieni paragrafu tar-rekwiżit 3.2 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jiddikjara li l-ammont u t-tip ta' riżorsi umani meħtieġa jiddependu fuq “....in-numru ta' membri tal-kodiċi”. Mhuwiex ċar kif il-valutazzjoni tal-SA BE tista' tkun ibbażata fuq dawn il-kriterji, meta jitqies li n-numri ta' membri tal-kodiċi jistgħu ma jkunux magħrufa meta l-korp ta' monitoraġġ japplika għall-akkreditazzjoni u li jistgħu jinbidlu b'mod konsiderevoli wara li tkun ingħatat l-akkreditazzjoni. Barra minn hekk, skont il-Linji Gwida, ir-riżorsi u l-persunal tal-korp ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkunu proporzjonati man-numru u d-daqs mistennija tal-membri tal-kodiċi, fost elementi oħrajn (il-paragrafu 73, il-paġna 24 tal-Linji Gwida). Il-Bord jinnota l-istess referenza għan-“numru ta' membri tal-kodiċi” fir-rekwiżiti 5.2 u 6.2. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE tinkludi referenzi xierqa għal “in-numru u d-daqs mistennija tal-membri tal-kodiċi”; sabiex it-test jiġi allinjat mal-Linji Gwida u biex ikun hemm aktar flessibbiltà.
13. Fl-aħħar nett, il-Bord jinnota li ma hemm l-ebda referenza għat-tul tal-proċeduri tal-akkreditazzjoni jew tal-irtirar tal-akkreditazzjoni. Filwaqt li l-Bord jaċċetta li dawn l-oqsma jaqgħu fil-qasam tal-gwida li tappoġġa r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni, il-Bord iqishom bħala oqsma importanti f'termini tal-iżgurar li l-proċess kollu tal-akkreditazzjoni jkun trasparenti. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tiċċara t-tul tal-akkreditazzjoni u l-proċeduri tal-irtirar fil-gwida ta' sostenn għar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni.

2.2.2 INDIPENDENZA

14. Il-Bord huwa tal-opinjoni li l-indipendenza għal korp ta' monitoraġġ jenħtieġ li tinftiehem bħala sensiela ta' regoli u proċeduri formali għall-ħatra, it-termini ta' referenza u l-operat tal-korp ta' monitoraġġ. Dawn ir-regoli u l-proċeduri se jippermettu lill-korp ta' monitoraġġ iwettaq il-monitoraġġ tal-konformità ma' kodiċi ta' kondotta b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma jkun influwenzat direttament jew indirettament, u lanqas ma jkun soġġett għal xi forma ta' pressjoni li tista' taffettwa d-deċiżjonijiet tiegħu. Għalhekk, il-korp ta' monitoraġġ irid juri imparzjalità u indipendenza b'rabta ma' erba' oqsma ewlenin: il-proċeduri legali u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ir-riżorsi finanzjarji, ir-riżorsi organizzattivi u l-istruttura u r-responsabbiltà. L-eżempji pprovduti fir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE ma jkopru għal kollox l-erba' oqsma deskritti. Il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE tiżviluppa aktar ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-imparzjalità u l-indipendenza tal-korp ta' monitoraġġ, f'konformità mal-erba' oqsma. Barra minn hekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tinkludi eżempji prattiċi li jipprovdu fehma aktar ċara dwar kif l-imparzjalità u l-indipendenza jistgħu jintwerew fl-erba' oqsma.
15. Il-Bord josserva li l-eżempju mogħti fir-rekwiżit 1.1, it-tielet paragrafu, l-aħħar inċiż (“informazzjoni dwar ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-korp ta' monitoraġġ u s-sid tal-kodiċi”) huwa applikabbli biss għal korpi ta' monitoraġġ esterni. Meta l-korp ta' monitoraġġ ikun parti mill-organizzazzjoni tas-sid tal-kodiċi, trid issir enfasi partikolari fuq il-kapaċità tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti. Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tfassal l-eżempji billi tqis li l-korpi ta' monitoraġġ jistgħu jkunu korpi ta' monitoraġġ esterni jew interni.

16. Barra minn hekk, il-Bord iqis li l-aħħar paragrafu tar-rekwiżit 1.1 jista' jiġi ċċarat biex jispjega kif se tiġi vvalutata l-indipendenza mis-settur li għalih japplika l-kodiċi, meta jitqies li dan is-"settur" jista' jkun entità mhux distinta. Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tiċċara l-abbozzar, filwaqt li tipprevedi fehim aħjar tal-kunċett u tat-tip ta' evidenza li jistgħu jipprovdu l-korpi ta' monitoraġġ biex jikkonformaw mar-rekwiżit.
17. Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-korp ta' monitoraġġ, il-Bord jinnota li l-korp ta' monitoraġġ għandu jkun jista' juri "responsabbiltà" għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tiegħu sabiex jitqies bħala indipendenti. Il-Bord iqis li r-rekwiżiti ta' responsabbiltà fit-taqsimi 9 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE ma jkoprux kompletament l-elementi kollha li jenħtieġ li jitqiesu. Il-SA BE jenħtieġ li tiċċara x'tip ta' evidenza hija mistennija mill-korp ta' monitoraġġ sabiex juri r-responsabbiltà tiegħu. Dan jista' jinkiseb permezz ta' affarijiet bħall-istabbiliment tar-rwoli u tal-qafas tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri ta' rapportar tiegħu, u t-twaqqif ta' politiki li jżidu l-għarfien fost il-persunal dwar l-istrutturi ta' governanza u l-proċeduri fis-seħħ. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE ssaħħaħ ir-rekwiżiti għar-responsabbiltà, tippermetti fehim aħjar tal-kontenut tagħha b'rabta mal-indipendenza tal-korp ta' monitoraġġ, u toffri aktar eżempji tat-tip ta' evidenza li jistgħu jipprovdu l-korpi ta' monitoraġġ
18. Ir-rekwiżit 3.1 (it-taqsimi 3 "riżorsi umani adegwati") tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jistabbilixxi li l-korp ta' monitoraġġ għandu juri li huwa *"kapaċi jagħżel liberament persunal ikkwalifikat sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu"*. Il-Bord jinnota li l-korp ta' monitoraġġ jista' jkollu wkoll persunal li jkun intgħażel minn korp ieħor indipendenti mill-kodiċi, kif iddikjarat fil-Linji Gwida (il-paragrafu 68, il-paġna 23). Il-Bord jirrakkomanda lill-SA BE tallinja l-kliem mal-Linji Gwida, billi żżid il-possibbiltà li l-persunal jintgħażel minn korp ieħor indipendenti mill-kodiċi. Barra minn hekk, il-Bord huwa tal-fehma li, minn perspettiva Prattika, xi eżempji jistgħu jkunu utli wkoll. Eżempju ta' persunal ipprovdut minn korp indipendenti mill-kodiċi jkun il-persunal tal-korp ta' monitoraġġ li jkun ġie rreklutat minn kumpanija esterna indipendenti, li tipprovi servizzi ta' reklutaġġ u ta' riżorsi umani. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex iżżid eżempju f'konformità ma' dak ipprovdut f'dan il-paragrafu.
19. Barra minn hekk, il-Bord jinnota li r-rekwiżit 3.1 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE ma jispjegax kif il-korp ta' monitoraġġ jista' juri li huwa kapaċi jagħżel liberament persunal ikkwalifikat. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni Prattika tar-rekwiżiti, il-Bord iqis li xi eżempji jkunu utli. B'hekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tiċċara kif il-korp ta' monitoraġġ jista' juri l-kapaċità tiegħu li jagħżel liberament persunal ikkwalifikat.
20. Fir-rigward tal-obbligu tal-korp ta' monitoraġġ li juri li huwa magħmul minn għadd adegwat ta' membri tal-persunal (ir-rekwiżit 3.2 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE), il-Bord iqis li, minn perspettiva Prattika, xi eżempji jkunu utli. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tiċċara kif il-korp ta' monitoraġġ jista' juri li huwa magħmul minn għadd adegwat ta' membri tal-persunal.
21. Il-Bord josserva li r-rekwiżit 4.3 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE (it-taqsimi "arranġamenti finanzjarji") jesiġi li l-korp ta' monitoraġġ għandu jkollu "arranġamenti adegwati fis-seħħ (...) biex ikopri l-penali finanzjarji potenzjali". Il-Bord huwa tal-opinjoni li dan l-obbligu jista' jimpedixxi lil korpi ta' monitoraġġ żgħar jew ta' daqs medju milli jiġu akkreditati. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda lill-SA BE biex jew tħassar dan ir-rekwiżit jew inkella timmodera l-kliem u tirreferi għar-responsabbiltajiet tal-korp ta' monitoraġġ b'mod ġenerali.

2.2.3 KUNFLITT TA' INTERESS

22. Il-Bord josserva li r-rekwiżit 1.2 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jindirizza biss is-sitwazzjonijiet fejn ikun hemm kunflitt ta' interess relatat mal-persunal tal-korp ta' monitoraġġ. Ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni jenħteġ li jirriflettu wkoll xenarji oħrajn fejn jista' jkun hemm kunflitti ta' interess tal-korp ta' monitoraġġ innifsu, pereżempju, minħabba l-attivitajiet, ir-relazzjonijiet, l-organizzazzjoni jew il-proċeduri tiegħu. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda lill-SA BE temenda l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni biex ikun jirrifletti l-ħtieġa li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati wkoll b'rabta mal-korp ta' monitoraġġ innifsu, u mhux biss fir-rigward tal-persunal tiegħu.
23. Barra minn hekk, il-Bord josserva li r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE ma jinkludux espliċitament l-obbligu tal-korp ta' monitoraġġ li joqgħod lura milli jieħu kwalunkwe azzjoni li tkun inkompatibbli mal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu u li joqgħod lura milli jfittex jew jieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni (il-paragrafu 68, il-paġna 23 tal-Linji Gwida). Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda lill-SA BE tallinja t-test mal-Linji Gwida u tinkludi l-obbligi msemmija hawn fuq.

2.2.4 GĦARFIEN ESPERT

24. Il-Bord jinnota li r-rekwiżit 5.1 tar-rekwiżiti ta' għarfien espert tal-SA BE jinkludi: għarfien u esperjenza dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, għarfien u esperjenza fis-settur jew fl-attività tal-ipproċessar li għalihom se jaġixxi bħala korp ta' monitoraġġ, kif ukoll għarfien u esperjenza fl-awditjar biex tiġi stabbilita l-kapaċità tal-korp ta' monitoraġġ li jissorvelja l-konformità tal-membri tal-kodiċi mal-kodiċi ta' kondotta.
25. Filwaqt li l-SA BE inkludiet l-elementi kollha mil-Linji Gwida fir-rekwiżiti tagħha, il-Bord huwa tal-opinjoni li l-livell tal-għarfien u tal-għarfien espert fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* għandu jkun allinjat mal-Linji Gwida. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tallinja t-test mal-Linji Gwida u titlob fehim fil-fond tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.
26. Il-Bord iqis li r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni jeħteġ li jkunu trasparenti. Jeħteġ ukoll li dawn jipprevedu korpi ta' monitoraġġ li jfittxu akkreditazzjoni b'rabta mal-kodiċijiet li jkopru l-attivitajiet ta' pproċessar tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (l-Artikolu 40(1) tal-GDPR).
27. Kif meħtieġ mil-Linji Gwida, kull kodiċi jrid jissodisfa l-kriterji tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ (fit-taqsim 6.4 tal-Linji Gwida), billi juri "għaliex il-proposti tagħhom għall-monitoraġġ huma xierqa u fattibbli fuq livell operattiv" (il-paragrafu 41, il-paġna 17 tal-Linji Gwida). F'dan il-kuntest, il-kodiċijiet kollha b'korpi ta' monitoraġġ se jkollhom jispjegaw il-livell ta' għarfien espert meħtieġ għall-korpi ta' monitoraġġ tagħhom sabiex iwettqu l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-kodiċi b'mod effettiv. Għal dak l-għan, sabiex jiġi evalwat il-livell ta' għarfien espert meħtieġ mill-korp ta' monitoraġġ, b'mod ġenerali, jenħteġ li jitqiesu fatturi bħal: id-daqs tas-settur ikkonċernat, l-interessi differenti involuti u r-riskji tal-attivitajiet tal-ipproċessar indirizzati mill-kodiċi. Dan ikun importanti wkoll jekk ikun hemm diversi korpi ta' monitoraġġ, minħabba li l-kodiċi jgħin biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-rekwiżiti ta' għarfien espert għall-korpi ta' monitoraġġ kollha li jkopru l-istess kodiċi.
28. L-għarfien espert ta' kull korp ta' monitoraġġ jenħteġ li jiġi vvalutat f'konformità mal-kodiċi partikolari. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tqis ir-rekwiżiti ta' għarfien espert addizzjonali li jistgħu jiġu definiti mill-kodiċi u tiżgura li l-għarfien espert ta' kull korp ta' monitoraġġ jiġi vvalutat f'konformità mal-kodiċi partikolari. B'dan l-SA tivverifika jekk il-korp ta' monitoraġġ għandux kompetenzi adegwati għad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet speċifiċi biex iwettaq il-monitoraġġ effettiv tal-kodiċi. Il-Bord

jinkoraġġixxi wkoll lill-SA BE biex tabbozza mill-ġdid ir-rekwiżit 5.2 bl-istess kliem bħal dak ta' rekwiżiti oħrajn, jiġifieri tibda r-rekwiżit bil-kliem "il-korp ta' monitoraġġ għandu juri li ... tiegħu..."

2.2.5 PROĊEDURI U STRUTTURE STABILITI

29. Ir-rekwiżit 6.2 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jistabbilixxi li l-kriterji biex jitwettqu l-pjanijiet ta' verifika jinkludu (bl-enfasi miżjuda) "in-numru ta' lmenti riċevuti". Filwaqt li n-numru ta' lmenti jista' jkun kriterju rilevanti, il-Bord huwa tal-fehma li elementi oħrajn, bħall-enfasi tal-ilmenti, jista' jkollhom sinifikat akbar. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tħassar ir-referenza għan-"numru" ta' lmenti u żżommha aktar ġenerali, bħal "l-ilmenti riċevuti".
30. Il-Bord jinnota li r-rekwiżit 6.3 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jirreferi għal kodiċi ta' kondotta bħala għodda għat-trasferimenti internazzjonali. Bħala parti mill-programm ta' ħidma għall-2019-2020, il-Bord bħalissa qed jaħdem fuq Linji Gwida dwar il-Kodiċi ta' Kondotta bħala għodda għat-trasferimenti. Minħabba li l-Linji Gwida għadhom ma ġewx adottati, il-Bord iqis li r-referenza fir-rekwiżit 6.3 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE tista' toħloq konfużjoni u jista' jkun hemm bżonn li tiġi emendata ladarba jiġu adottati l-Linji Gwida. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE tħassar ir-rekwiżit 6.3.

2.2.6 IMMANIĠĠJAR TRASPARENTI TAL-ILMENTI

31. Il-Bord josserva li l-proċedura tal-ilmenti fir-rekwiżit 7.1 hija indirizzata biss lis-suġġetti tad-*data*, biex b'hekk ma tħallix lil atturi oħrajn, bħal organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw is-suġġetti tad-*data* jew li huma attivi fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali, iressqu lment quddiem il-korp ta' monitoraġġ. Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex temenda r-rekwiżit sabiex ikun jinkludi kliem aktar komprensiv li ma jillimitax il-possibbiltà li jitressaq ilment biss għas-suġġetti tad-*data*.
32. Barra minn hekk, il-Bord jinnota li r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE ma jagħmlu l-ebda referenza għall-miżuri korrettivi li jridu jiġu ddeterminati fil-kodiċi ta' kondotta, skont l-Artikolu 40(4) tal-GDPR. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE żżid referenza għal-lista ta' sanzjonijiet stabbilita fil-kodiċi ta' kondotta f'każijiet ta' ksur tal-kodiċi minn kontrollur jew proċessur li jkun qed jaderixxi miegħu.
33. Il-Bord jinnota li r-rekwiżit 7.3 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE fih id-dmir tal-korp ta' monitoraġġ li jagħmel ir-reġistru tal-ilmenti riċevuti u l-eżitu tagħhom disponibbli għall-SA, fuq talba tagħha. Billi l-Bord jirrikonoxxi l-intenzjoni tal-SA BE li tikkonforma mal-prinċipju ta' trasparenza fir-rigward tal-proċedura tal-immaniġġjar tal-ilmenti, il-Bord huwa tal-fehma li r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE għandu jkun fihom l-obbligu tal-korp ta' monitoraġġ li jagħmel id-deċiżjonijiet, jew informazzjoni ġenerali dwarhom, disponibbli għall-pubbliku, kif ipprovdut fil-Linji Gwida (il-paragrafu 74, il-paġna 24). Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE tallinja t-test tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni mal-Linji Gwida, sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet, jew l-informazzjoni ġenerali tagħhom, ikunu disponibbli għall-pubbliku.
34. Barra minn hekk, meta l-SA BE tiddeċiedi li tiżgura t-trasparenza tal-proċedura tal-immaniġġjar tal-ilmenti billi titlob li l-korp ta' monitoraġġ jippubblika informazzjoni fil-qosor dwar id-deċiżjonijiet meħuda f'dan il-kuntest, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE tispeċifika t-tip ta' informazzjoni li l-korp ta' monitoraġġ huwa obligat li jippubblika. Pereżempju, il-korp ta' monitoraġġ jista' jippubblika, fuq bażi regolari, *data* statistika bir-riżultat tal-attivitajiet ta' monitoraġġ, bħall-għadd ta' lmenti riċevuti, it-tip ta' ksur u l-miżuri korrettivi maħruġa.

2.2.7 KOMUNIKAZZJONI MAL-SA BE

35. Fir-rigward tal-komunikazzjoni mal-SA BE, ir-rekwiżit 8.1 jistabbilixxi li l-korp ta' monitoraġġ se jikkomunika lill-SA BE, "f'intervalli perjodiċi", kwalunkwe azzjoni meħuda f'każijiet ta' ksur tal-kodiċi u r-raġunijiet għal tali azzjonijiet, flimkien. mar-rapportar annwali, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-korp ta' monitoraġġ. Filwaqt li l-Bord jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza espliċita għall-komunikazzjoni perjodika mal-SA u l-kriterji biex tiġi ddeterminata l-frekwenza tagħha, il-Bord iqis li għandu jkun hemm livell xieraq ta' flessibbiltà biex il-korpi ta' monitoraġġ jiġu ggwidati dwar meta għandhom jirrapportaw, aktar milli jistabbilixxu l-kriterji b'mod riġidu wisq; il-kriterji għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi li jinbidlu u l-fatturi differenti li huma elenkati. Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tabbozza mill-ġdid ir-rekwiżit 8.1 biex tagħmilha ċara li r-rapportar perjodiku huwa flessibbli.
36. Skont ir-rekwiżit 8.1, il-frekwenza tal-komunikazzjoni se tiddependi fuq "ir-riskji għas-suġġetti tad-*data*, is-sensittività u l-kumplessità tal-ipproċessar tad-*data* li jseħħ fil-kuntest tal-kodiċi ta' kondotta, id-daqs tas-settur ikkonċernat u n-numru ta' membri tal-kodiċi". Barra minn hekk, il-Bord jinnota li r-rieżami mill-SA BE ta' dawn ir-rapporti normalment jiffoka fuq il-ksur aktar serju jew komuni u l-miżuri meħuda. Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tagħmel referenza għas-serjetà u l-frekwenza tal-ksur u għall-miżuri meħuda, bħala parti mill-kriterji biex tiġi ddeterminata l-frekwenza tal-komunikazzjoni mal-SA. Barra minn hekk, Il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex iżżid referenza għar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni kif stabbiliti mill-Kodiċi ta' Kondotta nnifsu.
37. Barra minn hekk, mhumix inklużi bidliet sinifikanti fin-numru ta' membri tal-kodiċi fir-rekwiżit 8.2 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE, bħala bidla sostanzjali li għandha tiġi kkomunikata lill-SA mingħajr dewmien żejjed. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE tinkludi l-bidliet rilevanti fin-numru ta' membri tal-kodiċi fil-lista ta' bidliet sinifikanti fir-rekwiżit 8.2.
38. Fir-rigward tar-rekwiżit 8.3, il-Bord jappoġġa l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, iżda jqis li l-kliem għall-aħħar żewġ inċiżi jista' jiġi ċċarat aktar. Għal dan l-għan, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE iżżid mal-aħħar żewġ inċiżi referenza xierqa għar-regoli u l-proċeduri kif stabbiliti fil-kodiċi nnifsu.

2.2.8 MEKKANIŻMI TA' RIEŻAMI TAL-KODIĊI

39. Ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni jinkludu l-obbligu tal-korp ta' monitoraġġ li jikkontribwixxi b'mod xieraq għar-rieżami tal-kodiċi ta' kondotta (ir-rekwiżit 11.2). Il-Bord jinkoraġġixxi rekwiżiti ta' akkreditazzjoni li jesiġu li korp ta' monitoraġġ jiżviluppa mekkaniżmi li jippermettu li jingħata rispons lis-sidien tal-kodiċi u lil kwalunkwe entità oħra msemmija fil-kodiċi ta' kondotta. Xi għażliet ikunu li jintużaw ir-riżultati tal-proċess tal-awditjar, l-immaniġġjar tal-ilmenti jew l-azzjonijiet meħuda f'każijiet ta' ksur tal-kodiċi. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex temenda l-abbozz, u iżżid li l-korp ta' monitoraġġ irid ikollu mekkaniżmi li jippermettu li jingħata rispons lis-sid tal-kodiċi u lil kwalunkwe entità oħra msemmija fil-kodiċi ta' kondotta.

2.2.9 STATUS ĠURIDIKU

40. Skont ir-rekwiżit 2.4 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE, is-sostenibbiltà u l-kontinwità tal-attivitajiet ta' monitoraġġ għandhom jintwerew b'rabta mal-"mekkaniżmi biex jingħeleb l-irtirar ta' membru wieħed jew aktar tal-kodiċi". Il-Bord iqis li mhuwix ċar kif l-irtirar ta' wieħed jew aktar mill-membri tal-kodiċi jaffettwa l-prestazzjoni tal-korp ta' monitoraġġ. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex tħassar ir-referenza msemmija hawn fuq.
41. Barra minn hekk, fir-rigward tar-referenza għal "riżorsi finanzjarji suffiċjenti" fir-rekwiżit 2.4 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE, il-Bord iqis li l-eżistenza ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi oħrajn

suffiċjenti jenġtiegħ li tkun akkumpanjata mill-proċeduri meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kodiċi ta' kondotta matul iż-żmien. B'hekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex temenda n-nota ta' spjegazzjoni, billi żżid ir-referenza msemmija hawn fuq għal "proċeduri".

42. Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-sottokuntratturi, ir-rekwiżit 10.2 tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-SA BE jiddikjara li "il-korp ta' monitoraġġ għandu jidentifika s-sottokuntratturi kollha tiegħu meta japplika għall-akkreditazzjoni." Il-Bord huwa tal-fehma li l-lista ta' sottokuntratturi mhijiex rilevanti daqs il-kompiti u r-rwol attwali li jkunu se jwettqu. Għalhekk, il-Bord jinkoraġġixxi lill-SA BE biex temenda l-kliem, filwaqt li jiddikjara li l-korp ta' monitoraġġ se jispeċifika l-kompiti u r-rwoli li jkunu se jwettqu s-sottokuntratturi.

3 KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

43. L-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-Awtorità Superviżorja Belġjana jista' jwassal għal applikazzjoni inkonsistenti tal-akkreditazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ u jeħtieġ li jsiru l-bidliet li ġejjin:
44. Bħala rimarki ġenerali, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE
1. issegwi l-istruttura stabbilita fit-taqsimi 12 tal-Linji Gwida.
 2. tinkludi referenzi xierqa għal "in-numru u d-daqs mistennija tal-kodiċi tal-membri tal-kodiċi" fir-rekwiżiti 3.2, 5.2 u 6.2, sabiex it-test jiġi allinjat mal-Linji Gwida u jkun hemm aktar flessibbiltà.
45. Fir-rigward tal-"indipendenza", il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE:
1. tiżviluppa aktar ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-imparzjalità u l-indipendenza tal-korp ta' monitoraġġ, f'konformità mal-erba' oqsma.
 2. issaħħaħ ir-rekwiżiti għar-responsabbiltà, tippermetti fehim aħjar tal-kontenut tagħha b'rabta mal-indipendenza tal-korp ta' monitoraġġ, u toffri aktar eżempji tat-tip ta' evidenza li jistgħu jipprovdu l-korpi ta' monitoraġġ.
 3. tallinja l-kliem fir-rekwiżit 3.1 mal-Linji Gwida, billi żżid li l-korp ta' monitoraġġ jista' jkollu wkoll persunal li jkun intgħażel minn korp ieħor indipendenti mill-kodiċi.
 4. jew tassar ir-rekwiżit 4.3 jew inkella timmodera l-kliem u tirreferi għar-responsabbiltajiet tal-korp ta' monitoraġġ b'mod ġenerali jew tiċċara r-responsabbiltajiet tal-korp ta' monitoraġġ b'referenza għall-Artikolu 83.4 c) tal-GDPR.
46. Fir-rigward ta' "kunflitt ta' interess", il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE:
1. temenda l-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni biex ikun jirrifletti l-ħtieġa li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati wkoll b'rabta mal-korp ta' monitoraġġ innifsu, u mhux biss fir-rigward tal-persunal tiegħu.
 2. tallinja t-test mal-Linji Gwida u tinkludi l-obbligu tal-korp ta' monitoraġġ li joqgħod lura milli jieħu kwalunkwe azzjoni li tkun inkompatibbli mal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu u li joqgħod lura milli jfittex jew jieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni
47. Fir-rigward tal-"proċeduri u l-istrutturi stabbiliti", il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE:

1. tħassar ir-rekwiżit 6.3.

48. Fir-rigward tal-“immaniġġjar trasparenti tal-ilmenti”, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE:

1. iżżid referenza għal-lista ta’ sanzjonijiet stabbilita fil-kodiċi ta’ kondotta f’każijiet ta’ ksur tal-kodiċi minn kontrollur jew proċessur li jkun qed jaderixxi miegħu
2. tallinja t-test tar-rekwiżiti ta’ akkreditazzjoni mal-Linji Gwida, sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet, jew l-informazzjoni ġenerali tagħhom, ikunu disponibbli għall-pubbliku.
3. tispeċifika t-tip ta’ informazzjoni li l-korp ta’ monitoraġġ huwa obligat li jippubblika f’każ li l-SA BE tiddeċiedi li tiżgura t-trasparenza tal-proċedura tal-immaniġġjar tal-ilmenti billi tesiġi li l-korp ta’ monitoraġġ jippubblika informazzjoni fil-qosor dwar id-deċiżjonijiet meħuda f’dan il-kuntest.

49. Fir-rigward tal-“komunikazzjoni mal-SA BE”, il-Bord jirrakkomanda li l-SA BE:

1. tinkludi fil-lista ta’ bidliet sinifikanti fir-rekwiżit 8.2 referenza xierqa għal “bidliet fin-numru ta’ membri tal-kodiċi”.
2. iżżid mal-aħħar żewġ inċiżi tar-rekwiżit 8.3 referenza xierqa għar-regoli u l-proċeduri kif stabbiliti fil-kodiċi nnifsu.

4 RIMARKI FINALI

50. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-awtorità superviżorja Belġjana u se tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.

51. Skont l-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-awtorità superviżorja għandha tikkomunika lill-President, b’mezzi elettroniċi fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hijiex se temenda jew iżżomm l-abbozz ta’ deċiżjoni tagħha. Fl-istess perjodu, hija għandha tipprovdi l-abbozz ta’ deċiżjoni emendat jew, meta ma jkollhiex il-ħsieb li ssegwi l-opinjoni tal-Bord, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet rilevanti għaliex ma għandhiex il-ħsieb li ssegwi din l-opinjoni, kompletament jew parzjalment. L-awtorità superviżorja għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-Bord biex tiddaħħal fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta’ konsistenza, f’konformità mal-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)